MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Numru. 530/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Abdul Kerim Tarhuni ta' 18 il-sena bin il-mejjet Mustafa Abdul Aziz u Josephine nee` Carabott, imwieled il-Pieta` fis-7 ta' Ottubru, 1989, u li joqghod fil-fond Nru. 65C, Triq id-Duluri, L-Isla u detentur tal-karta ta' l-identita` numru: 471789(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniji migjuba kontra l-imputat u cioe` talli nhar id-19 ta' Gunju, 2008, u fil-granet u xhur ta' qabel , b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda.

A) Talli nhar id-19 ta’ Gunju, 2008, mid-dar t’ommu, li tinsab font Nru. 103, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, ikkommetta is-serq ta’ ‘satellite reciever’ ta’ l-ghamla Fortex Star u mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema valur ta’ l-imsemmi ‘satellite receiver’ hu ta’ 815.25euros. Fl-istess data, hin u lok, ikkommetta is-serq ta’ DVD player ta’ ghamla u mudell mhux maghrufa, liema DVD player jiswa 58.23 euros. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkommetta is-serq ta’ ‘surround speakers’ ta’ l-ghamla Ultravox, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema valur ta’ l-imsemmija ‘surround speakers’ jeccedi l-23.29 euros. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti ta’ l-ikel, liema ikel jiswa aktar minn 23.29 euros ghad-dannu ta’ ommu Josephine Carabott, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

B) Akkuzat ukoll talli, nhar il-31 ta’ Mejju, 2008, mid-dar t’ommu, li tinsab font Nru. 103, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla ikkommetta is-serq ta’ ‘jewel box’ li kien fiha ammont ta’ fidda u gojjellerija ohra, liema valur ta’ l-imsemmija oggetti hu ta’ madwar 232.94 euros. Fl-istess data, hin u lok, ikkommetta is-serq ta’ karus li kien fih is-somma ta’ 20 euros ghad-dannu ta’ ommu Josephine Carabott, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-hin.

C) Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, xjentement, f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indahal biex ibiegghom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tat-2 ta’ Lulju, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni mghamula mill-imputat llum stess liema ammissjoni giet irrijaffermata wara li l-Qori tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-ahhar akkuza li nghatat bhala kap alternattiv.

Illi dwar piena l-Qorti pero sejra tiehu in kunsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri ta'dawn il-proceduri, ghandu fedina penali nadifa u iddikjara li iddispjacieh ta' li ghamel u li lest jikkumpensa lill-ommu ghall-oggetti mehuda minn ghandha. Jidher illi r-relazzjoni bejn l-imputat u ommu sfortunatament ma hijiex wahda tajba u ghalhekk ikun ahjar illi ma jkunx hemm kuntatt bejniethom ghal xi zmien.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(d)(e)(f), 263, 267 268, 269, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza peress illi din hija akkuza alternattiva, issibu hati tal-kumplament ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mill-lum.

Il-Qorti qed wkoll twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu li fih tkun fis-sehh l-ordni tal-Probation jew jekk huwa ma joqghodx ghall-ordnijiet mghotija lilu mill-ufficjal tal-probation.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed torbot lill-hati taht garanzija li huwa bl-ebda mod ma jkellem jew javvicina lil Josephine Carabott ghal zmien sena mill-lum u dan taht penali ta' €1000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------